## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tat-18 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 452/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Joseph Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Joseph Bartolo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 498650M talli: 1)Fit-12 ta' Ottubru, 2012 u fiz-zmien ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, caqlaq illegalment annimali; 2)U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jidentifika l-klieb fil-pussess tieghu; 3)U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm majjali; 4)U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm annimali fi stat hazin; 5)U aktar talli fl-

istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv b'sentenzi moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta u 6) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Novembru, 2014, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437, l-Artiklu 8(2)(3), 31, 45 u 46 tal-Kapitlu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 5 ta' L.S. 36.28 u Artikoli 4 u 11(1) ta' L.S. 437.101 sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha salv ghall-dik li gelled il-klieb minn liema imputazzjoni lliberatu u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni dwar iz-zamma ta' majjali bla permessi mehtiega stante l- preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u ikkundannatu sabiex ihallas multa komplessiva ta' sebat elef ewro (€7,000).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Bartolo, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' Novembru, 2014, fejn talab lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati jew iddikjarat ir-reat preskritt, u tbiddilha u thassarha ghall-kumplament u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, tbiddilha dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi s-sentenza li minnha interpona appell hija nulla kwantu ghall-ewwel imputazzjoni peress illi wara li l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant, ccitat l-artikolu 35 (c) (iii) tal-Kapitolu 437 tal-ligijiet ta' Malta. Dan l-aggravju qed ikun michud ghaliex ghalkemm huwa

minnu li l-Ewwel Qorti kellha taghmel referenza ghall-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kaptiolu 437, meta indikat l-artikolu 35(c)(iii) ghamlet dan erronjament minkejja li fil-korp tas-sentenza taghha kien manifest li kienet qed issir referenza ghall-dak ravvizat fl-artikolu 35(1)(c)(iii). Dan huwa hekk ukoll ghaliex l-Ewwel Qorti anke ccitat verbatim id-disposizzjoni tal-istess artikolu. Dan huwa *lapsus calami* u ghalhekk ma jistghax jitqies li s-sentenza hija karpita b'nuqqas ta' formalita' fit-termini tal-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 u ghal din ir-raguni dan il-gravami qed ikun michud;

L-appellant jargumenta ukoll illi qatt ma seta' jinstab hati u konsegwentement ikkundannat dwar l-ewwel imputazzjoni u dan ghaliex il-Kapitolu 437 mhux biss ma jikklassifikax l-azzjoni tieghu bhala reat talli lanqas tiprovdi piena ghaliha. L-azzjoni tal-appellant igifieri l-allegat caqlieq ta' annimali minghajr d-debitu avviz lill-awtoritajiet jinkwadra ruhu f'dak ravvizat fl-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437. Issa l-appellant jargumenta illi ghad illi l-artikolu 35(2) jaghti s-setgha lill-Ministru li jaghmel regolamenti biex jiddikjara liema mill-obligazzjonijiet fl-artikoli precedenti jikkostitwixxu reat u l-piena ghalihom, l-Ministru naqas milli jaghmel tali regoli u ghalhekk isegwi li *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege.* Issa l-Ewwel Qorti taqbel mal-appellant illi ma jirrizultax li hemm xi regolament, allura fil-forma ta' Avviz Legali, mahruga in forza tal-artikolu 35(2) tal-Kapitolu 437. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet bil-mod segwenti in rigward: *"Din il-Qorti pero' ma taqbilx ma' dak sottomess mid-difiza f'dan ir-rigward u dan ghaliex dan is-sub artikolu u cioe (2) tal-artikolu 35 tal-istess kap jipprovdi* ab initio *x'inhi l-piena f'kaz ta' ksur ta' disposizzjoni maghmula mill-Onorevoli Ministru u ghalhekk ghamlet tfittxija sabiex tara jekk issibx xi regolament mahrug mill-Onorevoli Ministru. Jirrizulta li naxxenti minn dan il-kapitolu hemm diversi ligijiet sussidjarji u f'kaz ta' ksur taghhom ghandha tapplika dak li jipprovdi s-sub artikolu (2) tal-artikolu 35 tal-istess kapitolu tal-ligijiet ta' Malta".*

Din il-Qorti, izda, taqbel biss mal-fatt li ma hemm l-ebda regolament maghmul mill-Minisru. Mill-bqija ma taqbel xejn mal-logika u wisq anqas mal-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti. Jibda biex jinghad illi l-artikolu 35 tal-Kapitolu 437 jiddisponi li kull min ikun sid ghandu, *inter alia, (*u b'mod partikulari ghal kaz odjern fis-subinciz (1) (c) (iii), *jidentifkaw u jirregistraw annimali, u jiddikjaraw c-caqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabilita' taghhom*. Issa dan l-obbligu huwa wiehed fost diversi ohrajn emanenti mid-disposizzjoni tal-artikolu 35 . Is-subinciz (2) imbaghad jipprovdi hekk: *Il-Ministru jista' jaghmel regoli li jipprovdu li kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet taghhom tkun hatja ta' reat kontra dan l-artikolu u tehel, meta tinsab hatja, dik il-piena li tista' tigi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73).* Din id-disposizzjoni hija biss il-*vires* moghti lill-Ministru sabiex jaghmel regoli biex fl-ewwel lok jiddikjara li ksur tad-disposizzjonijiet jammonta ghal-reat u bhala konsegwenza jistabilixxi l-pieni applikabbli, liema pieni izda ma jistghux ikunu aktar minn dawk msemmija fis-subinciz (2). Dan is-subinciz ma jistghax jiftiehem mod iehor ghaliex altrimenti jkun assolutament inutili li l-Att principali jghid li azzjoni hija rejat punibbli b'daqstant prigunerija u multa u fl-istess hin jaghti l-poter lill-Ministru li jaghmel regolamenti biex jghid li dik l-azzjoni hija reat u punibbli bl-istess mod kif jipprovdi l-Att principali. Is-subinciz (2) ghalhekk huwa biss il-poter moghti lil Ministru biex jiddikjara liema azzjonijiet huma reati u fl-istess waqt jiccirkonskrivi l-parametri tal-piena li l-Ministru jista' johloq taht il-firma tieghu. Sa dan il-punt ghalhekk l-appellant ghandu ragun la darba l-Ministru ghadu ma dahhal ebda regoli in rigward u kienet zbaljata l-Ewwel Qorti meta qalet li s-subinciz (2) ghandu japplika ghal ksur tar-regoli. Jizdied ma' dan illi mhux biss l-obbligi, almenu sa dan il-punt, ghadhom mhumhiex dikjarati reati izda lanqas hemm provdut il-piena ghall-ksur taghhom. Madanakollu kienet zbaljata ukoll l-Ewwel Qorti, u naturalment anke l-appellant, meta naqsu milli jaghmlu referenza ghall-artikolu 57 tal-istess

Kap li jipprovdi s-segwenti: *"Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika ikun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87).* Ghalhekk, ghalkemm ghad ma hemmx regolament in rigward tal-azzjoni li biha huwa imputat l-appellant l-istess azzjoni hija xorta wahda reat la darba hekk jghid l-artikolu 57 u hija punibbli bil-multa kif preskritta fl-istess artikolu;

Fit-tieni gravami tieghu l-appellant jittenta jimpunja s-sentenza kwantu din tirreferi ghat-tieni imputazzjoni u dan fuq zewg binari. Fl-ewwel argument tieghu, l-appellant jghid li ma kienx hemm il-prova illi l-klieb in mertu kienu jappartjenu lilu u fit-tieni lok jargumenta illi hemm difett legali konsiderevoli fl-Avviz Legali 199 tal-2011 u dan filli l-Ministru kellu l-poter li jaghmel regoli izda mhux li jippreskrivi ukoll il-pieni ghalihom. Irid jinghad *in primis* illi l-klieb li irrizultaw li ma kienux elettronikament identifikabbli instabu marbuta fil-proprjeta' tal-appellant li kienet ukoll taht il-kontroll tieghu. Kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, kontra l-appellant kien hemm il-prezunzjoni *iuris tantum* u ghalhekk kien jispetta lilu, anke fil-grad tal-probabilita', li jipprova li l-klieb ma kienux jappartjenu lilu. Dan ma ghamlux u ghalhekk issa ma jistghax jistenna li jressaq b'success appell in rigward;

Kwantu ghal dak li l-appellant isejjahhlu difett legali konsiderevoli din il-Qorti, bhal dik in prim'istanza, hija rinfaccjata bl-imputazzjoni li l-appellant naqas milli jidentifika l-klieb fil-pussess tieghu skond l-artikolu 4 tal-Avviz Legali 101 tal-2011. Dan l-artikolu jipprovdi hekk: *"Kull persuna li jkollha fil-pussess taghha kelb skond dawn ir-regolament ghandha tidentifika elettronikament dan il-kelb sal-31 ta' April 2013"*. L-artikolu 11 imbaghad jipprovdi li *"kull persuna li jkollha fil-pussess*

*taghha kelb u li ma tirregistrax dan il-kelb mad-Dipartiment skond dawn ir-regolamenti… tkun hatja ta' reat [u] tehel meta tinsab hatja, multa ta' tliet mitt euro (€300)".* L-appellant jargumenta illi skond l-artikolu 7 tal-att principali, igifieri l-Kap 437, l-Ministru ghad li kellu l-poter li jaghmel regolament, kif fil-fatt ghamel, ma kellux il-poter li jistabilixxi l-pieni ghal-ksur tal-istess. L-artikolu 7 tal-Kap 437 (Att XXIII tal-2001) jipprovdi hekk: *"Il-Ministru jista' jippreskrivi regoli sabiex jistabilixxi sistemi ghall-identifikazzjoni u r-registrazzjoni ta' annimali".* Dan l-aggravju izda ser ikun respint u dan ghaliex din il-Qorti mhix kompetenti li tidhol fil-kwistjoni tal-validita' o meno ta' ligi. Ir-regolament fil-kwistjoni hawn devoluta huwa ligi skond l-artikolu 124 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 249 u ghalhekk sakemm ikun deciz mod iehor minn Qorti kompetenti, igifieri mill-Qorti Civili, bi procedura ohra, din il-Qorti hija fid-dover li tapplika l-ligi kif inhi. Huwa differenti l-kaz meta jintalab mill-Qorti dikjarazzjoni li ligi jew regolament m'ghadhomx fis-sehh ghaliex thassru jew kienu mibdula ghaliex f'dak il-kaz kien ikun fil-kompetenza ta' din il-Qorti biex taghmel tali ezami u taghti d-decizzjoni taghha. Fil-kwistjoni hawn devoluta, il-procedura korretta hi li l-appellant kellu jaghmel proceduri quddiem il-Qorti Civili u f'dak il-kaz, din il-Qorti, jew l-Ewwel Qorti, skond il-kaz, tissospendi l-kawza sakemm ikun hemm ezitu in rigward;

It-tielet gravami tal-appell huwa fir-rigward ta' l-ewwel parti tar-raba' imputazzjoni senjatament dik dwar iz-zamma ta' annimali fi stat hazin. Wara li fliet l-atti processwali, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant mghandux ragun fl-aggravju tieghu. L-fatt illi fil-proprjeta' tal-appellant instabu zewgt izwiemel fi stat tajjeb hafna ma jfissirx b'daqshekk illi l-annimali l-ohra li instabu fi stat hazin ghandu juri li l-appellant jiehu hsieb sew tal-annimali tieghu. L-annimali l-ohra ma kienux morda u taht kura li allura kien juri li qed jaghmel minn kollox sabiex jigu mfejqa minn xi debolizza li hakmithom. Kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, mix-xhieda jemergi illi fil-barriera tal-imputat instabu disat izwiemel u hames

mghoziet abbandunati u maghhom kien hemm zewgt izwiemel mizmuma f'kundizzjoni tajba. L-Ewwel Qorti kkonkludiet illi dan huwa indikattiv li l-imputat ha hsieb jara li dawk iz-zewgt izwiemel ikunu f'kundizzjoni tajba waqt li ma tax kaz l-ohrajn. Ix-xhud tal-prosekuzzjoni ddeskriva liz-zwiemel l-ohra fi stat tant hazin bhala madura hafna u li kien jidher l-iskeletru taghhom u dan kollu kagun ta' abbandun bil-konsegwenza li dawn l-annimali kienu qed ibghatu u jsofru ugiegh bla bzonn. Din mhix opinjoni *ex parte* minn naha tal-prosekuzzjoni izda hija d-deskrizzjoni li taw ix-xhieda sostanzjata minn ritratti appoziti li juru zwiemel li kienu waslu sal-punt li jidher l-iskeletru taghhom b'diversi tislieh fuqhom. Inoltre l-fatt illi l-artikolu 8(1) tal-Kap 439 jaghti lill-Ministru l-fakolta' li jaghmel regolamenti dwar il-harsien tal-annimali ma jaghmel ebda differenza ghall-obbligu tas-sid li jzomm lill-annimali tieghu fi stat tajjeb skond id-dispost tas-subinciz (2) u (3). Dawk l-obbligi huma ligi u l-ksur taghhom huwa punibbli fit-termini tal-artikolu 45 tal-istess Kap. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddeciedi li l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

Kwantu ghal-aggravju rigwardanti l-piena ma hemm xejn x'jindika li ghandu jkun hemm lok ghal-temperament. Meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex terroga l-piena kellha quddiemha s-subinciz (2) tal-artikolu 35 tal-Kap 437 li jipprovdi ghal-piena ta'prigunerija jew multa ta' mhux aktar minn €23,293.73. Issa kif gia diskuss fl-ewwel aggravju, dan huwa biss il-parametru li fih il-Ministru jista' jippreskrivi l-piena applikabbli meta jaghmel regolamenti in rigward. Ksur tal-artikolu 35(1)(c)(iii), sakemm ikun introdott regolament u piena in rigward mill-Ministru, huwa punibbli bil-multa ta' mhux aktar minn €11,646.87. Pero' l-artikolu 45 tal-Kapitolu 439 jipprovdi illi meta persuna tinsab hatja ghat-tieni darba jew aktar, ghandha tkun kunndannata ghal-multa ta' mhux anqas minn €5000 izda mhux aktar minn €80,000 jew prigunerija jew it-tnejn flimkien. L-

Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-addebitu tar-recediva fl-istess reat u ddecidiet li ghalhekk ma kellhiex tkun klementi mieghu. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena la darba hija fil-parametri tal-ligi u ma kellhiex tkun anqas minn dik indikata fil-ligi.

Ghal dawn l-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.